ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2016**

# IR-RABA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*) L-ISKEMA TAL-MARKI

*It-tweġibiet li ġejjin huma biss indikattivi, għalhekk tweġibiet oħra validi għandhom jiġu aċċettati.*

## Taqsima A

| Numru | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1 | 6 (2,2,2) | Hemm diversi bidliet soċjali li jgħaddu minnhom iż-żgħażagħ. Fost dawn insibu dawk relatati ma' familja għax iż-żgħażagħ jibdew jaħsbu biex iwaqqfu familja tagħhom u jibnu dar mas-sieħeb/sieħba tagħhom u dan jirrikjedi responsabbiltajiet ġodda. Jibdew isiru iktar attivi f'oqsma differenti tal-volontarjat, dawk politiċi, tal-knisja jew edukattivi. Isiru aktar indipendenti u jippruvaw jiddeċiedu għalihom. Iż-żgħażagħ ifittxu modi ġodda ta' divertiment fejn jinqatgħu mill-ġenituri u jfittxu aktar il-kumpanija tal-ħbieb.<br>*L-istudenti għandhom isemmu tliet bidliet soċjali.* |
| 2 | 4 (2,2) | Dawn iż-żgħażagħ ġieli jkunu parti minn sottokultura u allura jkunu xi ftit differenti kemm fid-dehra kif ukoll fl-imġiba, u din tista' tagħti impressjoni ta' devjazzjoni. Il-midja wkoll tpinġi liż-żgħażagħ bħala nies irresponsabbli u li jagħmlu vandaliżmu u ħsara fil-lokalitajiet li jkunu. Barra minn hekk, numru ta' nies li jabbużaw mid-droga jew xorb alkoħoliku u li jsuqu taħt influwenza ta' dawn, ikunu ġeneralment żgħażagħ.<br>*L-istudenti għandhom isemmu żewġ fatturi.* |
| 3 | 5 (1,1,1,1,1) | *L-istudenti jistgħu jsemmu ħames vizzji minn dawn:* abbuż mid-droga, abbuż minn xorb alkoħoliku, tipjip ta' sigaretti, delinkwenza, atti devjanti u attitudni liberali lejn is-sess. |
| 4 | 4 (2,2) | *L-istudenti jistgħu jsemmu żewġ attivitajiet pożittivi minn dawn:*<br>• parteċipazzjoni f'attivitajiet lokali bħalm'hi l-festa tar-raħal u attivitajiet kulturali organizzati mill-kunsilli lokali;<br>• parteċipazzjoni f'għaqdiet volontarji li jaħdmu kemm f'pajjiżna kif ukoll f'pajjiżi fil-bżonn barra minn Malta;<br>• parteċipazzjoni permezz ta' sport f'maratoni biex jinġabru fondi għan-nies fil-bżonn jew biex jinxtara xi apparat speċjali għall-kura medika. |
| 5 | 6 (2,2,2) | *L-istudenti jistgħu jsemmu tliet modi minn dawn:*<br>• jiddevertu mal-ħbieb ġewwa Paceville, parties u discos;<br>• igawdu man-nies tal-lokal waqt il-festa tar-raħal;<br>• jagħmlu barbikjus fejn il-baħar ma' tal-familja jew mal-ħbieb;<br>• isiefru għal xi vaganza. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima B**

| Numru | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1 | 6 | Jagħtu definizzjoni ta' saħħa ħolistika hekk kif imfissra mill-WHO billi juru li jafu li persuna b'saħħitha trid tkun tgawdi saħħa fiżika, mentali u soċjali jiġifieri barra li ma tkunx marida tkun ukoll kapaċi tifforma ħbiberiji ma' ta' madwarha, tmur għax-xogħol u taħdem ma' ħaddieħor, tiffaċċja ċertu ammont ta' stress tal-ħajja u tlaħħaq mar-responsabbiltajiet tal-familja, tad-dar u tax-xogħol b'mod bilanċjat. |
| 2 | 4<br>(1,1,1,1) | L-erba' fatturi determinanti huma: l-ambjent soċjali u ekonomiku, l-ambjent fiżiku, l-istil ta' ħajja u l-karatteristiċi u l-imġiba tal-individwu. |
| 3 | 5<br>(1,1,1,1,1) | Il-ħames kawżi soċjali tal-mard huma:<br>• il-faqar,<br>• in-nuqqas ta' ikel,<br>• stress u nuqqas ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol,<br>• akkomodazzjoni mhix adekwata jew żgħira wisq għan-numru ta' nies li joqogħdu fiha,<br>• tniġġis ambjentali |
| 4 | 4<br>(1,1,1,1) | *L-istudenti jistgħu jsemmu żewġ organizzazzjonijiet Maltin li jaħdmu favur is-saħħa minn:* Sedqa, Appoġġ, Caritas, MMDNA<br>*L-istudenti jistgħu jsemmu żewġ organizzazzjonijiet internazzjonali minn:* Il-WHO, is-Salib l-Aħmar, Tobba mingħajr Fruntieri. |
| 5 | 6<br>(2,2,2) | Il-**familja** titma' liż-żgħażagħ ikel sustanzjuż u tħeġġiġhom iżommu ruħhom attivi billi jipparteċipaw f'xi sport, kif ukoll ma titfax stress żejjed fuqhom minħabba skola u eżamijiet.<br>L-**iskola** wkoll tinkoraġġixxi s-sehem tagħhom fl-isport, tara li l-ikel li jittiekel l-iskola jkun kollu nutrittiv u ma tgħabbix l-istudenti b'wisq xogħol tant li dawn ma jibqgħalhomx ħin għall-mistrieħ.<br>Il-**midja** għandha dover li tgħallem dwar is-saħħa allura ma tridx tippromwovi 'junk food', iżda tgħallem dwar ikel sustanzjuż u kif dan jintuża. Tippromwovi iktar parteċipazzjoni miż-żgħażagħ fl-għaqdiet nongovernattivi, ta' volontarjat u dawk sportivi. Tgħallem dwar problemi ta' saħħa li jiġu minn abbuż ta' droga, tipjip, xorb żejjed, sewqan taħt l-effett tax-xorb, kif ukoll abbuż mis-sess mingħajr protezzjoni. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima C**

| Numru | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| 1 | 5<br>(1,1,1,1,1) | Ħames forom ta welfare: ħlas ta' flus, vawċers, sussidji, servizzi tas-saħħa u akkomodazzjoni, skemi ta' welfare ffinanzjati mill-gvern, il-knisja u organizzazzjonijiet mhux governattivi. |
| 2 | 4<br>(1,1,1,1) | L-erba' forom differenti ta' faqar huma: faqar relattiv, faqar assolut, faqar materjali u faqar soċjali. |
| 3 | 6<br>(3,1,1,1) | Mobbiltà soċjali tfisser it-tlugħ jew inżul fuq l-iskala tal-klassijiet soċjali.<br>Dan jista' jsir permezz ta':<br>• edukazzjoni li tagħti ċans lill-persuna takkwista status aħjar milli kienet tgawdi qabel;<br>• żwieġ ma' persuna ta' klassi soċjali ogħla minn tiegħek;<br>• xi rebħ ta' lotterija jew wirt ta' xi somma sostanzjali ta' flus. |

| | | |
|---|---|---|
| 4 | 4<br>(1,1,1,1) | L-erba’ setturi tal-ekonomija huma:<br>• Is-settur primarju li jinvolvi xogħol fl-agrikoltura, sajd, barrieri jew minjieri.<br>• Is-settur sekondarju li jinvolvi xogħol fl-industrija u manifattura.<br>• Is-settur terzjarju li jinvolvi x-xogħol kollu li joffri servizz bħal dak ta’ għalliem jew xufier.<br>• Is-settur kwaternarju li jinvolvi xogħol ta’ riċerka u dak tal-IT.<br>*L-istudenti għandhom jagħtu eżempju wieħed ta’ tip ta’ xogħol għal kull settur.* |
| 5 | 6<br>(2,4) | Ċittadinanza tiġi mogħtija lill-persuna mwielda f’xi pajjiż, jew persuna li tiżżewweġ lil xi ħadd minn pajjiż barrani, jew persuna li temigra u tapplika għal ċittadinanza fejn din tingħata wara numru ta’ snin.<br>Meta tkun ċittadin ta’ pajjiż, tkun qed tgawdi kemm drittijiet kif ukoll dmirijiet lejn pajjiżek. Għandek dritt tal-vot u ta’ kull għajnuna soċjali offruta mit-tali pajjiż, imma int dovut li tħares il-liġi, li tħallas it-taxxi mitluba minnek lejn il-gvern, li żżomm l-ordni pubblika u li tipparteċipa b’mod attiv fil-lokalità tiegħek. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima D**

Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra rilevanti u valida għandha tiġi aċċettata.
F’din it-taqsima l-25 marka jitqassmu kif jidher hawn taħt:

**20-25: tajjeb ħafna**
**15-19: tajjeb**
**12-14: mhux ħażin**
**0-11: mhux tajjeb**

L-istudenti huma mistennija joħorġu b’ideat bħal:

1. Ir-rwol taċ-ċittadin fis-soċjetà demokratika huwa differenti minn dak ta’ wieħed li jgħix f’pajjiż totalitarju. F’demokrazija, bniedem għandu pakkett ta’ drittijiet u responsabbiltajiet mistennija minnu. Kull ċittadin għandu dritt tal-vot ta’ tmintax-il sena, u ta’ sittax jista’ jivvota għall-elezzjoni tal-kunsilli lokali. Iċ-ċittadin għandu wkoll id-dmir li jmur jivvota. Għandu dritt isemma’ leħnu u jisma’ opinjonijiet differenti dwar kull suġġett. Jista’ jaffilja ruħu ma’ kemm-il grupp irid u jieħu sehem fi protesti ma’ gruppi ta’ pressjoni. Imma hu dovut li jsegwi l-liġi tal-pajjiż, juri rispett lejn ta’ madwaru fl-imġiba tiegħu, ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, iżomm l-ordni pubblika u l-kwiet, jgħin fil-komunità u jagħti sehmu f’għaqdiet nongovernattivi u volontarji biex il-pajjiż dejjem jibqa’ ħaj, attiv u jagħmel żvilupp.

2. Huwa stmat li ċerti nies għandhom aktar ċans li jaqgħu vittmi tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali u dawn jistgħu jkunu nies ta’ gruppi vulnerabbli bħalma huma l-anzjani, il-morda, in-nies b’diżabbiltà, in-nisa, iż-żgħażagħ u l-immigranti. Dan għaliex ħafna drabi dawn ma jkunux ekonomikament indipendenti jew ikunu qed jitħallsu ftit għax-xogħol li jkunu qed jagħmlu. Ma jkunux jagħmlu parti minn xi grupp bħal xi unjin, allura ħadd ma jkun jaqbeż għalihom u jkunu bla saħħa politika. Għalkemm f’demokrazija ħafna drabi l-gvern jagħmel minn kollox biex jgħin lill-gruppi vulnerabbli, xorta waħda numru kbir ta’ nies jaqgħu fix-xibka tal-faqar. Mhux kollha jbatu minn faqar assolut, iżda faqar relattiv jaf jagħmel ħafna ħsara wkoll speċjalment għall-ulied minn familji li qed ibatu minn dan it-tip ta’ faqar. U mal-faqar tiġi awtomatikament l-esklużjoni għax ħafna nies ma jkunux iridu jagħmluha ma’ dak li hu fqir. F’Malta għandna numru ta’ gruppi li jgħinu lil nies b’diżabbiltà, lil dawk li huma vittmi ta’ xi abbuż u anke

lill-anzjani, imma hemm ħafna pajjiżi fejn dawn in-nies ma jingħataw l-ebda sapport u l-ħajja għalihom issir diffiċli immens.

3. Ir-reliġjon hi twemmin li jsegwu numru kbir ta' nies f'soċjetà. Dan jista' jkun twemmin dwar is-sopranatural, is-simboli u r-ritwali li jistgħu jkunu privati jew kollettivi. Ir-reliġjon ħafna drabi toffri konsolazzjoni u sapport għal min jemmen, iżda ħafna drabi kienet ukoll sors ta' konflitti u gwerer kbar, għaldaqstant daqqa għaqqdet u daqqa firdet lill-komunitajiet. Kull reliġjon għandha fi ħdanha aspett pubbliku u ieħor privat u dawn jintwerew minn numru ta' prinċipji li wieħed jaddotta biex jirregola ħajtu bħal pereżempju l-għaxar kmandamenti, kif ukoll is-sagramenti. Dawn jinfluwenzaw l-attitudnijiet u l-mod ta' mġiba dwar esperjenzi bħall-imħabba, il-mewt u d-deċiżjonijiet personali. Kull reliġjon għandha wkoll aspett pubbliku bħala turija ta' fidi, valuri komuni, responsabbiltajiet soċjali, karità u xogħol volontarju. Il-komunità tipparteċipa fil-prattika ta' ritwali bħalm'huma l-funzjonijiet liturġiċi, is-sagramenti u l-festi – dawn huma kollha espressjoni kollettiva tal-fidi. Il-knisja f'Malta bħal f'pajjiżi oħra, tipprovdi l-istruttura u l-ispazju għal reliġjon organizzata. Għandha l-organizzazzjoni tagħha bħala istituzzjoni bir-regoli li jaffettwaw il-mod ta' mġiba tal-membri tagħha. Hija aspett ta' Kultura Maltija li tiddetermina l-identità lokali u nazzjonali. Ħafna valuri reliġjużi saru wkoll valuri soċjali.

4. Waħda mill-għanijiet tal-mezzi tal-midja hi dik tas-soċjalizzazzjoni. Il-mezzi tal-midja jagħmlu dan billi jittrasmettu valuri, normi u regoli ta' mġiba bħala xi ħaġa aċċettata u approvata mill-kumplament tas-soċjetà. Juru wkoll sanzjonijiet li jintużaw kontra min ma joqgħodx għar-regoli. U hawn niġu għal għan ieħor li l-mezzi tal-midja jilħqu u dan hu taż-żamma tal-kontroll soċjali. Dan jagħmluh billi jxandru lil dawk li jiksru l-liġi, kif ukoll ixandru l-pieni ta' kastig li dawn ikunu rċevew għar-reati tagħhom.
   Għan ieħor tal-mezzi tal-midja hu dak edukattiv u dan jagħmluh billi jxandru programmi edukattivi għal kull membru tal-familja; iżommu persuna aġġornata ma' kull ma jkun qed jiġri kemm f'pajjiżna stess kif ukoll barra minn pajjiżna; ixandru taħditiet politiċi, reliġjużi, ta' interess soċjali u ambjentali; jippreżentaw programmi ta' divertiment għal kull età; jagħmlu r-riklami biex iħajru lin-nies jixtru prodotti ġodda fis-suq; jipprovdu informazzjoni kemm ta' interess kif ukoll dik li tirrikjedi xi azzjoni.

**Total: 25 marka**

**Total tal-karta: 100 marka**